Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 356/2010

**GasanMamo Insurance Limited [C 3143] hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Jeffrey Cardona [I.D. 251676 M] sija bil-polza u sija bil-Ligi**

**vs**

**Osea Micallef [I.D. 530664 M]**

30 ta' Jannar 2017

**Il-Qorti,**

Rat **l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici noe** tat-23 ta' Frar 2010 permezz ta' liema talbet lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' elf, disa' mija u tnax-il Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,912.82c) rapprezentanti danni kkagunati b'rizultat ta' ncident nhar l-20 ta' Awwissu, 2008 fi Triq in-Naxxar, Birkirkara, fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAF 073[1], proprjeta' tal-assikurat taghha, li fil-hin ta' l-incident kienet ipparkeggjata. Is-socjeta' attrici sostniet li l-incident sehh unikament tort tal-konvenut li kien qieghed ihaddem *Tower Ladder* formanti parti mill-vettura proprjeta' tieghu, bin-numru tar-registrazzjoni HBB 464, u dana stante traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tal-ligi da parti tieghu. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Rat **ir-Risposta tal-konvenut** tad-29 ta' Marzu 2010[2] permezz ta' liema huwa eccepixxa li: (i) l-incident sehh unikament tort ta' Jeffrey Cardona, assikurat tas-socjeta' attrici; (ii) huwa ma kienx responsabbli ghall-kawza jew kawzi li taw lok ghad-danni allegati ghaliex ix-xoghol imwettaq minnu sar b'diligenza u skont il-ligi.

Rat **is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar** tas-6 ta' Novembru 2014 li ddecidiet il-vertenza hekk:

---

[1] In-numru ta' registrazzjoni ta' din il-vettura gie korrett minn LAF 072 (kif erroneament indikat fl-Avviz tat-Talba) ghal LAF 073 b'digriet tal-5 ta' Mejju 2011 – fol 58.
[2] Fol 5.

*"It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (i) jilqa l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Osea Micallef u konsegwentement (ii) jichad it-talba attrici u (iii) jikkundanna lis-Socjeta' Attrici thallas l-ispejjes gudizzjarji kollha."*

Dan wara li l-istess Tribunal ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

i. Ix-xoghol li kien qieghed jaghmel il-konvenut sar bil-permess mehtieg tal-Kunsill Lokali, liema permess kien ikopri l-perjodu mit-18 ta' Awwissu 2008 sat-23 ta' l-istess xahar. L-incident sehh fit-tieni jum tax-xoghol;

ii. Fil-post fejn sehh l-incident, fi kliem Jeffrey Cardona stess u fi kliem Albert Grech ta' "Street Life" (fejn kien dahal "ghal ftit minuti" dan Cardona), ma setax isir "parking". Barra dan, fuq il-bankina kien hemm sinali biex ma jghaddux in-nies u l-konvenut ha wkoll il-prekawzjoni tal-uzu tal-"cones";

iii. Fil-Malti insibu li "min jittarraf jiggarraf" u "min jikriha joqghod ghaliha", traduzzjoni semplici u popolari tal-principju legali li VOLENTI NON FIT INJURIA. Fil-kaz taht ezami, Jeffrey Cardona espona ruhu, konsapevolment, ghall-periklu. Forsi kien influwenzat mill-hsieb li hu ried jieqaf ghal ftit minuti biss, izda din il-"harba" jew "zgiccatura" ma rnexxietx;

iv. L-iskizz juri li n-Nissan ma kienetx parkjata 'l hinn mill-"outreach" tad-driegh tat-"tower ladder" meta dan ikun miftuh, jew estiz. Dan jirrizulta bla l-icken dubbju anke meta wiehed ihares lejn in-notamenti originali tal-*Warden* fuq wara ta' fol 106;

v. Da parti tal-konvenut, wiehed jifhmu meta jghid "ma ndunajtx li hemm karozza parkjata u lqattha bit-"tower ladder" u dana ghax in-Nissan kienet ghadha kif waqfet hemm;

vi. Il-konkluzjoni tat-Tribunal, gwidat minn principji ta' ekwita' kif statutorjament hu obbligat jaghmel, hi li ghal dak li gralu, Jeffrey Cardona "imputet se ipse". Da parti tal-konvenut ma kien hemm ebda htija ghax hu kien jaf li kien fuq sit ta' xoghol li fih innifsu kien juri x'qed isir. Sata kien differenti dan ir-ragunament kieku n-Nissan kien parkjata hazin u fejn mhux suppost, ghal hafna hin, imma ma kienx il-kaz.

Is-socjeta' attrici noe appellat quddiem din il-Qorti u l-intimat appellat wiegeb[3]. Waqt is-seduta tat-12 t'Ottubru 2016[4] dehret id-difensur tal-appellanti u l-appellat debitament assistit. Saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

---

[3] Fol 8.
[4] Fol 17.

**L-aggravji**

L-ilmenti tas-socjeta' appellanti huma marbuta mal-mod kif sar l-apprezzament tal-provi mit-Tribunal. Fil-fehma taghha dan wassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li l-assikurat taghha Jeffrey Cardona konsapevolment qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni ta' periklu b'dana li gab l-incident b'idejh stess.

L-appellanti targumenta li:

i. *Dato ma non concesso* li Cardona pparkja l-vettura tieghu f'post projbit, il-kawza prossima tal-hsara ma kienx dan l-eghmil *per se*, izda l-manuvra tal-appellat, li bhala fatt waqqa' t-*tower ladder* tieghu ghal fuq vettura pparkjata;

ii. Dan huwa kaz klassiku ta' *"res ipsa loquitur"*, fejn l-incident innifsu u l-istrumentalita' ta' l-istess incident kienu ghal kollox fil-kontroll ta' l-intimat u mhux f'idejn Cardona.

iii. Il-fatt wahdu li Cardona pparkja f'post ipprojbit, ma jfissirx illi huwa huwa *ipso facto* responsabbli ghan-non kuranza u ghan-negligenza tal-appellat;

iv. L-intimat ma kienx qed jahdem fuq sit ta' xoghol, izda fi triq pubblika fejn kien hemm access pubbliku, kemm ghall-*pedestrians*, kif ukoll ghas-sewwieqa. Huwa kien f'kull hin obbligat li jzomm id-debita kawtela u diligenza waqt illi kien qed jahdem.

L-appellat irribatta li:

i. Id-decizjoni tat-Tribunal hija gusta;

ii. Ma hemm l-ebda 'motivi gravi' sabiex l-apprezzament ta' fatt li wettaq it-Tribunal jerga' jigi rivedut;

iii. Dan il-kaz jirrigwarda sitwazzjoni fejn l-appellat kien qieghed fuq il-lant tax-xoghol u rama halli jahdem. Kien bil-kapricc ta' Jeffrey Cardona li sehh l-incident u mhux bil-kontra. Cardona b'mod mill-aktar kapriccuz ipparkeggja l-vettura tieghu quddiem Bank, haga li kulhadd jaf li m'ghandix issir u li hija llegali, meta ra li Osea Micallef kien qed jopera *'tower ladder'* u dana biex imur jaghmel qadja ghalih. Ghalkemm Cardona qal li hu wettaq dan ghal ftit minuti, hu sakkar il-vettura tieghu u halliha mhix sorveljata. Issa qed jipprova jitfa' l-htija fuq l-appellat li kien hemm jaqla' l-ghixien tieghu minghajr ma ha xi riskju zejjed fil-qadi ta' dmirijietu.

Ma hemmx kontestazzjoni dwar id-dinamika tal-incident. Nhar l-20 t'Awissu 2008, l-appellat kien qieghed jezegwixxi xi xoghlijiet minn fuq *high up* gewwa Triq in-Naxxar, Birkirkara. F'xi hin, l-assikurat tas-socjeta' appellanti Jeffrey Cardona pparkja l-vettura tieghu ftit 'l isfel mil-high up u dahal gol-hanut li

quddiemu kien ipparkjat. Wara ftit, l-appellat nizel bil-gagga tal-high up u kkawza hsara fil-*windscreen* u fil-*boot* tal-istess vettura. Fil-vettura dak il-hin ma kien hemm hadd.

Lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar il-*quantum* tal-hsarat kawzati. Il-kontestazzjoni f'dan l-appell tirrigwarda biss ir-responsabbilta' ghall-akkadut. Ghas-socjeta' appellanti dan kellu jitqies kaz klassiku ta' *res ipsa loquitur*.

Kif inhuwa maghruf fil-gurisprudenza, *"huwa pacifiku li 'l hekk imsejha duttrina tar-Res ipsa loquitur", li giet impurtata mill-gurisprudenza Ingliza, ma taghmilx hlief li tisposta l-oneru ta' prova u tohloq bhal speci ta' prezunzjoni ta' prima facie li t-tort huwa ta' wiehed u mhux ta' l-iehor*[5]*."*

Sabiex tevalwa dan il-principju fil-kuntest tal-kaz odjern, il-Qorti tosserva li mill-provi mressqa irrizulta fost ohrajn li:

i. Skont l-assikurat tas-socjeta' appellanti **Jeffrey Cardona**[6]:

*"Fl-20 t'Awissu, 2008 jiena hallejt il-karozza tieghi LES 073 pparkjata qabel il-wied hdejn l-HSBC. Jiena kont ipparkjat quddiem hanut....u iktar il-fuq minni kien hemm high up..... Jiena nghid li meta jien ipparkjajt il-karozza dan it-high up kien qed jahdem u kien hemm cone bejna u bejn fejn ipparkjajt jiena il-karozza tieghi jigifieri jiena kont barra mill-cone. Jiena hallejt naqra spazju bejni u bejn il-cone ma kontx qed immiss maghha imma ma tantx kont distanti minnha. Tabelli ma kienx hemm. Jiena dhalt biex inkellem lil sid il-hanut fejn kelli l-karozza pparkjata quddiemu u ftit wara smajt boom u hrigt barra u sibt il-bucket tat-high up fuq il-karozza. Jiena nahseb ghaddew hames minuti qabel ma smajna dan il-hoss."*

In kontro-ezami Cardona qal[7]:

*"Nikkonferma li jien meta wasalt fuq il-post kien hemm il-crane u kien qed jahdem. Jien indunajt li kien qed jahdem ghax kien hemm il-bucket qieghed fl-gholi....Jien il-konvenut rajtu jimmanuvra qieghed fil-gabina. Jien sibt parking barra mill-cones u pparkjajt....Jien noqghod l-Imgarr imma jien originarjament minn Birkirkara u naf li mhux suppost ipparkjajt fejn ipparkjajt jien. Qed jigi suggerit lili li jien nehhejt il-cone biex ipparkjajt u jien nghid li dan mhux minnu. Jien qabel ma dhalt fil-hanut ma kellimtx lil konvenut...ghax deherli li la jien pparkjajt barra mill-cones ma kontx ser infixklu. Jien hrigt minn hdejn il-habib tieghi wara xi ghaxar minuti u sibt li l-karozza tieghi kienet milquta.....Il-cone li semmejt qabel kien wara l-vettura tieghi u bejn iz-zewg vetturi."*

ii. Minn naha l-ohra l-konvenut **Osea Micallef** xehed[8]:

---

[5] **John Formosa noe vs Joseph Zammit** deciz fit-30 t'April 1993.
[6] Seduta tat-23 ta' Marzu 2011 a fol 55-56.
[7] Fol 85-86.

*"Jiena kont qed nahdem Birkirkara u kont qed nahdem fuq tower ladder li kien jorganizzah sid il-hanut qabel ma nigi nahdem jiena jigifieri dan it-tower ladder kien b'gagga fuq u jiena kont qed nahdem fuq gholi ta' zewg sulari u nofs....Sa fejn naf jiena kien hemm ukoll tabelli biex joqoghdu mal-hajt biex ma jipparkjawx u biex ma jghaddux nies minn fejn kont qed nahdem jiena. Jiena nghid li certu mument jiena nizzilt il-gagga u nisma' qisu hoss u waqaft mal-ewwel u meta nzilt jiena nghid li din il-karozza li jiena eventwalment inzilt u sibt li kellha hsara fil-windscreen kienet ipparkjata fejn mhux suppost tipparkja u dan nghidu* ***jiena nghid li qabel ma tlajt jiena kien hemm il-cones fejn ipparkja hu jigifieri jiena nassumi li biex ipparkja l-karozza fejn kien ipparkjat nehha l-cones li kien hemm qabel****. Il-cones kont naghmilhom jiena stess.... inpoggi dawn il-cones qabel ma' nibda nahdem u mbaghad inzarmahom meta nitlaq minn fuq il-post. Meta nzilt ma kien hemm hadd fil-karozza fil-fatt imbaghad hareg persuna mill-istess hanut minn fejn kont qed nahdem jiena u qalli li kien sid il-karozza.*

In kontro-ezami[9] huwa rega' qal li kien pogga l-*cones* anke fejn eventwalment kien ipparkja Cardona. Il-*cones* ma kinux qrib. Ma jiftakarx pero' jekk kienx hemm *cones* quddiem il-crane. Huwa zied hekk -

*"Jiena kont fil-gagga fil-mument tal-impatt.....Jiena qabel ma nizzilt il-gagga harist l-isfel imma ma rajtx xejn malli smajt hoss waqaft mill-ewwel*[10]*."*

L-appellat insista li Cardona kien ipparkjat hazin.

iii. **Albert Grech**, sid il-hanut li quddiemu kienet ipparkjata l-vettura ta' Jeffrey Cardona, xehed li Cardona kien jinsab gewwa l-hanut tieghu meta nstema' l-hoss tal-impatt tal-gagga tat-*high up* fuq il-vettura in kwistjoni. Huwa u Cardona hargu flimkien mill-hanut meta semghu il-hoss tal-impatt. Il-vettura in kwistjoni kienet ipparkjata fuq is-sinjal NO PARKING li kien hemm quddiem il-hanut tieghu. Grech qal li quddiem it-*high up* kien hemm zewg *cones* fil-bidu tat-triq. Il-*cones* kienu fejn it-*tower ladder* fit-triq il-barra u mhux mal-bankina. Huwa qal ukoll li bejn il-punt A u B fl-iskizz a fol 15 ma kienx hemm *cones*. Bejn meta dahal hdejh Jeffrey Cardona u meta nstema l-hoss m'ghaddewx aktar minn tmien minuti[11].

Wara li rat l-assjem tal-provi, din il-Qorti tqis li s-socjeta' appellanti ma rnexxilhiex turi li l-htija ta' dan l-incident ghandha tingarr unikament mill-appellat. Izda fil-fehma tal-Qorti, lanqas huwa l-kaz, kif qal it-Tribunal, li kien biss l-assikurat tas-socjeta' appellanti li ghandu jitqies responsabbli ghal dak li sehh. Kif ser jinghad, ghalkemm kif qal it-Tribunal, ir-responsabbilta' tal-assikurat tas-socjeta' appellanti hija palezi, anke l-appellat bl-agir tieghu

---

[8] Fol 73-74.
[9] Fol 74.
[10] Fol 74.
[11] Fol 59-60.

agixxa b'negligenza u ghalhekk huwa wkoll ghandu jerfa' r-responsabbilta' ghall-akkadut.

Ghar-rigward tar-responsabbilta' tal-assikurat tas-socjeta' appellanti Jeffrey Cardona, l-Qorti tqis li:

a. Kif inghad minn din il-Qorti fil-kaz **Dr Pierre Ellul MD et vs Alexis Bonnici deciz fl-10 t'Ottubru 2005**[12] **-**

*"…huwa veru li s-sost ta' vettura anke f' post ipprojbit ma jistax jigi konsiderat jissussisti "in re ipse" bhala xi kawza awtomatika ta' l-incident u tad-dannu izda jinnecessita l-prova esplicita illi tali sost ipprovoka l-incident jew ikkontribwixxa ghalih."*

b. Fil-kaz odjern, mhux il-waqfien tal-vettura minn Jeffrey Cardona fis-sinjal tan-NO PARKING ta' quddiem il-hanut ta' Albert Grech *per se* li wassal ghall-incident in ezami. Izda r-responsabbilta' ta' Cardona temergi mill-fatt li konxjament u volontarjament huwa pparkja l-vettura tieghu proprju fl-*area* li kienet tintuza ghax-xoghlijiet bit-*high up* mill-appellat. Dan meta Cardona stess ammetta li huwa kien innota x-xoghol li kien qed jaghmel il-konvenut dak il-hin. Id-dinamika tal-incident u d-dokumenti ezibiti[13] juru li l-vettura ta' Cardona thalliet fil-parametri tad-distanza u l-ispazju li kienet qed tintuza mid-driegh tat-*tower ladder* meta dan ikun miftuh jew estiz fil-kors tax-xoghol li kien ghaddej;

c. Mill-provi mressqa ma jirrizultax li Cardona pparkja hemmhekk minhabba xi emergenza, izda l-probabilta' cara hi li ghall-konvenjenza personali tieghu, izda b'irresponsabbilta' kbira, huwa pparkja l-vettura tieghu ezatt quddiem il-hanut li ried jidhol fih, biswit fejn kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet.

d. Ghalkemm hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar fejn kienu pozizzjonati l-*cones* li kien ipoggi kuljum il-konvenut, id-diligenza ordinarja ta' *bonus paterfamilias* tirrikjedi prudenza minn sewwieqa li jkunu ser jipparkjaw f'zoni fejn ikunu ghaddejjin xoghlijiet specjalment b'ingenji bhat-tip li kien qieghed jopera l-appellat. Anke jekk, ghal grazzja tal-argument, kellu jigi accettat li l-*cones* kienu pozizzjonati kif qed jghid Cardona u huwa pparkja wara l-cones, huwa ma kellux jistrieh biss fuqhom u d-diligenza kienet titlob li jassikura li l-lok fejn waqqaf il-vettura mhux ta' periklu ghall-istess vettura. F'dan il-kaz, evidententement Cardona m'ghamilx dan il-kalkolu ghax il-gagga tat-*high up* meta tnizzlet spiccat fuq il-parti ta' wara tal-vettura tieghu.

Ta' dan Cardona ghandu wkoll igorr responsabbilta'.

---

[12] App Nru 1298/04.
[13] Skit a fol 15 u skit bl-idejn a fol 106.

Dwar l-appellat Osea Micallef, il-Qorti tissottolinea li l-fatt wahdu li –

a. Huwa ha xi mizuri ta' prekawzjoni biex jitnaqqas il-periklu ghall-utenti tat-triq meta pogga *cones* u aktarx anke tabelli; u

b. l-vettura tal-assikurat tal-appellanti kienet ipparkjata fejn kien hemm sinjal ta' *No Parking*,

ma jiskagunahx minn kull responsabbilta' ghall-akkadut.

L-appellat kellu l-obbligu li huwa u jwettaq ix-xoghlijiet, inkluz il-manuvrar tal-gagga tat-*high up* 'il fuq u l-isfel fit-triq, izomm *a proper lookout* ghal dak li ghaddej madwaru u fit-triq tahtu*.* Dan l-oneru kien aktar rigoruz tenut kont li l-appellat kien qieghed jahdem fi triq traffikuza, fatt li jirrendi l-lant tax-xoghol aktar espost ghall-possibilita' ta' ntruzjonijiet kemm minn vetturi kif ukoll minn *pedestrians*.

Mill-provi mressqa l-Qorti ma tistax tasal ghall-istess konkluzjoni tat-Tribunal dwar Micallef. Hija nfatti ssibha difficli temmen li l-appellat verament hares 'l isfel qabel ma beda l-manuvra biex inizzel il-gagga tat-*high up*. Il-Qorti tinnota li:

i. Il-verzjoni tieghu *a tempo vergine* lil Warden kienet hekk: "***Ma ndunajtx** li hemm karozza pparkjata u lqatta bit-Tower Ladder*[14]*."* Hu evidenti li ma ndunax bil-vettura pparkjata ghaliex ma harisx;

ii. Dan ma kienx kaz fejn Cardona dahal biex jipparkja waqt li Micallef kien niezel bil-gagga. L-element tal-imprevist u tas-sorpriza huwa ghalhekk nieqes. Irrizulta nvece li qabel ma sehh l-incident, Jeffrey Cardona kien diga' lahaq ipparkja l-vettura, hareg minnha. Micallef kien qieghed jahdem f'gholi ta' madwar zewg sulari u nofs. Allura zgur kellu c-cans li qabel jibda niezel jittawwal biex jara x'hemm tahtu.

Ghalhekk, l-appellat Osea Micallef ukoll ghandu jwiegeb ghan-negligenza tieghu fir-rigward tal-akkadut.

Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li z-zewg partijiet ghandhom iwiegbu fi kwoti ndaqs ghall-incident *de quo*.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell tas-socjeta' appellanti limitatament sa fejn kompatibbli ma' dak hawn deciz u tvarja s-sentenza tat-Tribunal billi:**

1. **tiddikjara li r-responsabbilta' ghall-incident tal-20 t'Awissu 2008 ghandha tinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.**

[14] Rapport tal-Warden a fol 14.

2. **tilqa’ t-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta’ disa’ mija u sitta u hamsin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€956.41) u tichadha fil-bqija;**
3. **tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat sa fejn biss huwa kompatibbli ma’ dak appena deciz;**
4. **l-ispejjez taz-zewg istanzi jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul